MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 91/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Duca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Duca talli:

1) fil-11 ta' Jannar 2005, ghall-habta tal-4.00 p.m., gewwa l-isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, Msida, ikkommetta serq ta' jigsaw tal-marka Cress ghad-dannu tal-kumpanija Coiver Ltd., liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;
2) fil-11 ta' Jannar 2005 gewwa l-isptar Mater Dei tal-Qroqq, Msida, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq u cioe` serq ta' jigger tal-marka Hilti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema

delitt ta’ serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, liema tentattiv ta’ serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira u dan ghad-detriment tal-kumpanija Skanska u l-Gvern ta’ Malta;
3) fit-12 ta’ Jannar 2005, fl-istess lok u cirkostanzi, ghall-habta tal-3.45 p.m., ikkommetta reat ta’ serq ta’ jigsaw tal-marka Nipontec ghad-dannu tal-kumpanija Bezzina Brothers Ltd. liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna;
4) fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ikkommetta reat ta’ serq ta’ driller tal-marka Hilti ghad-dannu tal-kumpanija Netcom Ltd. liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-valur;
5) fil-11 ta’ Jannar u fit-12 ta’ Jannar fl-istess lok, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta kif ukoll ghad-dannu tal-kumpanija Skanska Ltd. liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix il-hamsin liri Maltin imma izjed minn ghaxar liri;
6) fil-11 ta’ Jannar 2005 kif ukoll jiem wara, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu 2005, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-appellat (allura imputat) sabet lill-imsemmi Joseph Duca hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti u lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat fi zmien tliet snin mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla u thassar is-sentenza appellata fl-intier u minflok, wara enuncjazzjoni korretta u kompleta tal-posizzjoni legali, tpoggi lill-appellat fl-istess

posizzjoni li kien bir-rinviju ta' l-appellant datat 28 ta' Frar 2005 segwit bid-debita registrazzjoni ta' l-ammissjoni tieghu qabel ma l-Qorti Istruttorja ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza appellata u, wara li tkun ghamlet dan, tibghat lura l-atti processwali lill-ewwel Qorti sabiex tkompli u tissokta bil-kumpilazzjoni skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-uniku aggravju ta' l-appellant Avukat Generali f'dan il-kaz huwa li l-ewwel Qorti, meta ghaddiet sabiex tiddeciedi l-kaz bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghamlet hekk bi ksur car ta' dak li jiddisponi l-artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali stante li fil-kaz odjern l-appellant qatt ma kien irrinvija lura l-atti processwali lil dik il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif jikkontempla l-imsemmi artikolu 370(3)(b). L-appellant jghid li huwa evidenti li f'dan il-kaz l-ewwel Qorti erronejament assumiet kompetenza u gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi l-kaz hi fuq l-ammissjoni ta' l-appellat a bazi ta' dak li jikkontempla l-artikolu 392A(1)(2) tal-Kodici Kriminali meta, fic-cirkostanzi, dan l-artikolu ma kienx applikabbli.

Din il-Qorti ezaminat il-provvedimenti rilevanti tal-Kodici Kriminali u tista' tghid mill-ewwel li taqbel ma' dak li qal l-appellant.

Jinghad l-ewwelnett li l-artikolu li jiddetermina l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali huwa l-artikolu 370. Skond is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu - li gie mizjud bis-sahha tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 81 ta' l-Att III tas-sena 2002 - dik il-Qorti *"hija wkoll kompetenti li taghti s-sentenza lill-akkuzat fic-cirkostanzi u kif provdut fl-artikolu 392A"*. Jekk ma jirrizultawx ic-cirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 392A mela, il-Qorti tal-Magistrati, salv dak li hemm provdut fis-subartikoli precedenti ta' l-artikolu 370, ma tistax tghaddi ghas-sentenza. X'inhuma dawn ic-cirkostanzi?

L-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali gie mizjud permezz ta' l-artikolu 85 ta' l-Att III ta' l-2002. Ghall-finijiet ta' dan l-appell huwa opportun li jigu riprodotti l-partijiet rilevanti ta' dan l-artikolu:

**"392A(1) Jekk l-akkuzat, bi twegiba ghall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b), jistqarr li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat u l-imsemmi reat ikun suggett ghal piena ta' mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 453(1) ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw bla hsara ghad-disposizzjonjiet li gejjin ta' dan l-artikolu."**

Bir-riferenza li qed issir f'dan l-ewwel subartikolu ghall-artikolu 392(1)(b), huwa evidenti li l-istadju li ghalih dan l-artikolu jirreferi huwa l-istadju ta' l-interrogatorju, ossia l-istadju ta' l-ezami, bla gurament, li jsir lill-imputat fil-bidu tal-kompilazzjoni wara li tkun semghet lill-ufficjal prosekutur iwettaq ir-rapport bil-gurament. L-ezami jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ssaqsi lill-imputat il-generalitajiet tieghu (skond l-artikolu 392(1)(a)) imbaghad (salv dak li jipprovdi s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 370) issaqsieh jekk iridx u xi jrid iwiegeb ghall-akkuza (skond l-artikolu 392(1)(b)). Jekk l-imputat iwiegeb li hu hati, u r-reat ikun suggett ghal piena ta' mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija, dik il-Qorti ghandha twissieh b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u taghtih ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha (skond l-artikolu 453(1)). Jekk l-imputat jibqa' jtenni fit-twegiba tieghu, il-Qorti Istruttorja tittrasforma ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u taghti s-sentenza skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 392A:

**"392A(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra, jekk l-akkuzat jibqa' jtenni fit-twegiba tieghu li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat il-Qorti bhala qorti ta' gudikatura kriminali ghandha tghaddi 'l quddiem biex taghti lill-akkuzat dik is-sentenza li ghandha tinghata skond il-ligi kontra akkuzat li jinsab hati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien**

**ma' kopja tas-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol."**

Din il-procedura tippermetti wkoll l-applikazzjoni ta' l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali - introdott bl-artikolu 108 ta' l-Att III ta' l-2002 - li permezz tieghu l-partijiet jistghu jitolbu lill-Qorti (qabel ma ssir il-mistoqsija lill-imputat skond l-artikolu 392(1)(b)) li fil-kaz li jkun hemm ammissjoni ta' htija, hija tapplika sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-kwantita` miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinsab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom. Is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 392A fil-fatt jipprovdi:

**"392A(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 453A ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) izda ghandu, ghal dak l-iskop, jidher l-Avukat Generali ghall-prosekuzzjoni, u nota li ssir mill-Avukat Generali u l-imputat flimkien, u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A imsemmi, tkun bizzejjed ghal dan il-ghan."**

Fil-kaz in ezami l-appellat (allura imputat) tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fl-14 ta' Jannar 2005. Dakinhar l-Ispettur Stephen Gatt wettaq ir-rapport bil-gurament u wara sar l-ezami ta' l-appellat li wiegeb li mhuwiex hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-kompilazzjoni tal-provi bdiet fis-26 ta' Jannar 2005 meta xehed l-Ispettur Stephen Gatt u pprezenta stqarrija ta' l-appellat. Immedjatament wara, l-appellat, debitament assistit mid-difensur tieghu, irregistra ammissjoni dwar l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet filwaqt illi dwar it-tieni imputazzjoni ma rregistrax ammissjoni stante li kien hemm dibattitu dwar kemm jiswa l-*"jigger"*. F'dak l-istadju l-ewwel Qorti tat digriet fis-sens li wara li nghalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemha, iddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imharrek jitqieghed taht att ta' akkuza, u ghalhekk baghtitu biex joqghod taht dak l-att quddiem il-Qorti

kompetenti u ordnat li l-attijiet tal-kompilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali. Ziedet ukoll nota fis-sens li kien hemm ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet hlief ghat-tieni wahda. L-atti gew rinvijati lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fit-28 ta' Frar 2005 sabiex dik il-Qorti (a) tisma' lil rapprezentant ta' Skanska u l-Gvern ta' Malta dwar it-tieni imputazzjoni u biex l-ufficjal prosekutur jghid dettaljatament xi provi fadal, u (b) tisma' kull prova ohra li ggib il-Pulizija.

M'hemm l-ebda dubju minn dan kollu li l-procedura li bdiet tigi segwita f'dan il-kaz kienet dik skond l-artikoli 401 u 405 tal-Kodici Kriminali. Una volta mibdija tali procedura, din trid titkompla sakemm jew jigi pprezentat l-att ta' akkuza jew l-Avukat Generali jibghat l-imharrek biex ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Gara izda li fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2005, minflok ma l-ewwel Qorti ghamlet dak mitlub minnha mill-Avukat Generali permezz tan-nota ta' rinviju msemmija, l-appellat, mill-gdid debitament assistit, ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u, wara li nghata twissija u l-appellat ippersista fl-ammissjoni tieghu u saret trattazzjoni dwar il-piena, l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Dan ma kellhiex il-kompetenza li taghmlu. Fit-28 ta' Frar 2005 l-atti gew rinvijati mill-Avukat Generali lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja biex din tkompli tisma' x-xhieda. Ic-cirkostanzi li fihom inghatat din is-sentenza ghalhekk ma kinux dawk imsemmijin fl-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali izda, kif spjegat, kienu ben differenti. Kull ma setghet taghmel l-ewwel Qorti kien li timxi bil-procedura stabbilita fl-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali.

L-appell ta' l-Avukat Generali konsegwentement jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur biex minnufih jibghat l-atti

processwali lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghall-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi mill-istadju li kien ezistenti fil-mument li l-appellat rregistra ammissjoni fil-11 ta' Marzu 2005 u qabel ma' dik il-Qorti erronejament ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------